10 ta' Jannar, 1953.

**Imħallef:**
**L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija** *versus* **Giuseppe Preca**

## Appell — Nuqqas ta' Kostitutivi ta' Reat — Art. 425 tal-Kodiċi Kriminali.

*L-appell tal-Prosekuzzjoni huwa ċirkoskritt għal ċerti każijiet biss li huma ndikati mill-liġi, fosthom dak meta l-Qorti t'Isfel tkun illiberat l-imputat minħabba li fil-fatt ma jkunx hemm l-elementi tar-reat.*

*Jekk il-Maġistrat, fuq il-provi, ikun wasal għal ipotesi ta' fatt li ma taqax "ut sic" taħt id-dispożizzjoni li taħtha ġiet formulata l-imputazzjoni, u jillibera lill-imputat, dik il-liberazzjoni tkun bażata fuq apprezzament ta' provi, u ma fiha ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi jew enunċjazzjoni inkompleta tagħha; u għalhekk dik is-sentenza ma hix appellabili mill-Prosekuzzjoni.*

Dan hu appell ta' l-Attorney General kontra d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-6 ta' Novembru 1952, li biha l-imsemmi Preca ġie assolt mill-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu talli fit-23 ta' Settembru 1952, il-Belt Valletta, mingħajr permess mogħti mill-Gvernatur jew f'ismu, qiegħed somma ta' ħames mitt elf lira Taljani, ekwivalenti għal £285. 17. 6, bi kreditu ta' Antonio Gaffiero, persuna li tgħammar fl-Italja, u għalhekk barra minn li "sterling area", aċċetta dejn ta' l-istess somma b'mod li nħoloq dritt għad-dħul ta' ħlas ta' l-istess somma favur l-istess persuna, u ta ħlas ta' l-istess somma lill-istess persuna;

L-imputat issolleva l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità ta' din id-deċiżjoni;

Trattata din il-preġudizzjali, u mismugħa, għall-finijiet tagħha biss, il-provi;

Din il-Qorti kkunsidrat;

Kif inhu magħruf, l-appell tal-Prosekuzzjoni hu ċirkoskritt għal ċerti każijiet biss, li l-liġi (Kap. 12) tindika fl-art. 425, fosthom il-każ li fih il-Qorti ta' Isfel tkun illiberat lill-imputat minħabba li fil-fatt ma jkunx hemm l-elementi tar-reat;

Din il-parti ta' l-art. 425 irċeviet l-ewwel interpretazzjoni awtorevoli tagħha f'deċiżjoni pronunzjata mill-President Sir Adriano Dingli, sedenti f'din il-Qorti, mogħtija fit-28 ta' Ġunju 1889, "Avvocato della Corona vs. Antonio Buhagiar"; u l-President qal hekk:— "Tali disposizioni mostrano ad evidenza che l'appello si permette da una decisione colla quale l'imputato, indipendentemente dalle prove che potessero essere addotte nel giudizio, fosse liberato pel motivo che il fatto esposto alla Corte non fosse dalla legge ritenuto come un reato, e non da una decisione colla quale la Corte Inferiore, trattata pienamente la causa sul fatto allegato con esame delle prove prodotte dalla Polizia, e sentite le parti, pronunciasse nel merito di non constare di un reato". L-Imħallef Luigi Ganado segwa l-istess prinċipju fis-sentenza App. Krim. "La Polizia vs. Francesco Zammit", 28 ta' Ottubru 1893. Fi żmien aktar reċenti, l-istess prinċipju ġie segwit mill-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, li, sedenti f'din il-Qorti, arrikkixxa ferm il-ġurisprudenza tagħha, u li appuntu fis-sentenza "Polizia vs. Axisa", 30 ta' Novembru 1918, qal hekk:— "Per darsi adito all'appello da una sentenza della Corte Inferiore, è mestieri che la detta Corte di primo grado nel formare il suo giudizio abbia ritenuto che quei fatti, come allegati nella citazione, per sè stessi, e senza risultamento delle prove, non costituiscono il reato dedotto. Nella espressione della legge "non concorrere nei fatti i costitutivi di un reato", per la parola "fatto" si deve intendere il fatto come dedotto, e non già come provato";

Sussegwentement, l-Imħallef Sir Philip Pullicino, sedenti f'din il-Qorti, fid-deċiżjoni "La Polizia vs. Borg", 12 ta' Jannar 1929, Vol. XXVII, P. IV, pag. 680, jallarga ftit l-interpretazzjoni tal-parti tad-dispożizzjoni "in commento", fis-sens li rritjena illi taħt dak l-inċiż hemm lok għal appell tal-prosekuzzjoni, avvolja l-Maġistrat ikun daħal fil-meritu, kwante volte l-Maġistrat ikun imbagħad enunċja ħażin jew inkompletament l-ipotesi tal-liġi. Fil-ġurisprudenza antika dan ma kienx lanqas ammess; infatti fis-sentenza ta' Sir Adriano Dingli ingħad espressament li l-Maġistrat kien enunċja l-interpretazzjoni tal-frodi bħala liġi; imma, ċjò non ostante, ma ingħatax appell;

Però, l-amplifikazzjoni magħmula mill-Imħallef Sir Philip Pullicino ġie segwita mis-suċċessuri tiegħu, kompriż l-Imħallef sedenti, kif jidher minn diversi deċiżjonijiet, fosthom "Polizia vs. Pecorella", 19 ta' Ġunju 1937. U veramment dik id-deċiżjoni kienet raġunata, għaliex fil-waqt li immitigat ir-riġidità tal-prinċipju li appell ma jkunx hemm malli l-Maġistrat jidħol fis-smiegħ tal-provi, avvolja mbagħad jiżbalja fil-liġi, żammet ferm il-prinċipju bażilari li l-appell għandu jkun fondat fuq "point of law", u li ma jistax jiġi kritikat in vija ta' appell dak li hu ġudizzju assolutorju bażat fuq sempliċi apprezzament ta' fatt;

Hu wkoll importanti li wieħed jinnota illi għar-rigward ta' dana l-appell tal-Prosekuzzjoni, kif esprima ruħu l-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camilleri, "Polizia vs. Herbert", 6 ta' April 1918, "il motivo dell'appello deve risultare dalla sentenza stessa che si voglia impugnare, e non è quindi ammissibile l'appello per motivi diversi da quelli emergenti dalla stesso o con essa confliggenti". Fis-sentenza fuq ċitata, il-President Dingli uża l-kliem "sulla sua faccia";

Issa, fil-każ preżenti l-Maġistrat, bħala apprezzament ta' fat, fuq is-smiegħ tal-provi, irritjena illi l-ħames mitt elf lira Taljani kienu jirrappreżentaw il-prezz ta' tliet arloġġi. Hu forsi ta' min igħid li, fil-fatt, dan ma kienx hekk, għax mhux biss ħames mitt elf lira Taljani kienu jekwivalu għal £285 mentri tliet arloġġi kienu jiswew £4. 10. 0, imma l-istess imputat xehed li l-flus kienu depożitu għal dak

li dan it-Taljan kien sejjer talvolta jixtri minn għandu fil-futur, apparti l-veraċità anki ta' din l-allegazzjoni. Imma, sija kome sija, il-Maġistrat irritjena li dik is-somma kienet "prezz ta' oggetti mibjugħa". Difatti fis-sentenza jingħad dan ripetutament:— "Gaffiero kien bgħatlu ma' individwu ieħor injot ħames mitt elf lira Taljana bħala prezz ta' tliet arloġġi". U aktar 'il quddiem:— "L-imputat iddikjara bil-ġurament l-istess ħaġa............" "Gaffiero mar għandu u xtara t-tliet arloġġi bi flus Ingliżi, u talbu lura l-flus Taljani";

Issa jiġi illi, malli l-Maġistrat irritjena, sija pure skorrettament, li dawk il-flus Taljani kienu prezz ta' arloġġi mibjugħa, allura l-fatt immedjatament eżula mir-reati kontemplati fl-imputazzjoni; għaliex, jekk kien prezz, allura veru li ma kienx kostituzzjoni ta' debitu favur it-Taljan, u veru li ma kienx pagament favur tiegħu, u veru wkoll li ma kienx akkreditament favur tiegħu. Fi ftit kliem, il-Maġistrat mhux applika ħażin il-liġi, jew għamel enunċjazzjoni inkompleta tagħha; imma wasal, fuq il-provi, għal ipotesi ta' fatt li ma taqax "ut sic" taħt id-dispożizzjonijiet li taħthom ġiet formulata l-imputazzjoni;

"Dan kollu jfisser illi b'dana l-appell l-Attorney General veramant mhux qiegħed jattakka xi interpretazzjoni tal-liġi li għamel il-Maġistrat, għax fis-sentenza ma hemmx ebda interpretazzjoni, imma hemm sempliċi applikazzjoni tal-liġi għall-fatt, fis-sens li l-Maġistrat qal li l-fatt "kif inhu misjub" (ċjoè ħlas tal-prezz ta' tliet arloġġi) ma kienx la kostituzzjoni ta' debitu, la pagament favur it-Taljan, u lanqas akkreditament favur tiegħu. Hu paċifiku li, kif esprima ruħu l-Imħallef Buhagiar (App. Inf. Civ. "Amaira vs. Dato", 19 ta' Mejju 1928), "l'applicazione della legge al fatto per sè non può elevarsi a quistione di diritto nel senso in cui la intende la legge nelle dette disposizioni; altrimenti, infatti, in ogni causa sarebbero involute quistioni di diritto, poichè in ogni causa si fa l'applicazione della legge al dato caso" (ara wkoll fl-istess sens App. Inf. Civ. "Cauchi vs. Vella", 22 ta' Jannar 1938);

Konsegwentement, l-appell tal-Prosekuzzjoni jammonta għal dan, li l-ewwel nett hemm bżonn li jiġi alterat l-apprez-

zament ta' fatt li għamel il-Maġistrat, u mbagħad tiġi applikata, għall-fatt diversament apprezzat, il-liġi. L-appell, għalhekk, hu bażat mhux fuq pont tal-liġi, imma fuq pont ta' fatt, in kwantu li verament qiegħed jiġi sindakat il-ġudizzju ta' "non provata reità" bażata fuq l-apprezzament tal-provi magħmul, sija pure skorrettament, mill-Maġistrat;

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċidi billi tiddikjara l-appell ta' l-Attorney General irritu u null, u bħala tali tirrespinġih.